Christus Vincit

Dromm to Carmelo Colia

R

# C H R I S T U S   V I N C I T

jew

# C E S A R E   M I R B U H

---

Original Tas-SALESIAN

CARMELO GALEA

Diritti Riservati

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

# CHRISTUS VINCIT

Dramm sacru f'erbgha atti. Id-dedicat lil Dun Giusepp

Busietta.

Epoca tal Persecuzioni.

## "PERSONAGGI"

| | |
|---|---|
| Icilio | General fl'Imperu Ruman taht l'isem ta Afranio. |
| Lino u Fabio | Ulied Afranio. Snin 8 u 10. |
| Ermete | Iskof ta l'Insara tal Catacombi ta Ruma. |
| Aureliano | L'Imperatur Cesare ta Ruma. |
| Polante | Sahhar. Griega Spjun ta l'Imperatur. |
| Cajo | Prefett Ruman. |
| Osio | Carcerier tal habs ta Mamertino. |
| Zura | Sciavatorca ta' Afranio. |
| Vito | Qaddej Fantasma ~~u~~ suldati pretoriani u insara li ma jitkellmu |

## Ix-xena tisvolgi ruha f'Ruma

## L'EWWEL ATT

Fil palazz tal General Afranio. Sala ricchissima immobbiljata mill'ahjzr. Bieb fix-xellug u gallarija taghti ghal barra. Mil gallarija tidher xi abitazioni ta Ruma. Is-sema ciar u collox silenzju. Xabla fuk siggiu. Billejl. Ritratt u trofej mal hajt. Idoli l'hawn u l'hemm. Cor tas-suldati barra.

## SCENA I

Mat-tluh tas-Separiu.
Afranio uahdu bilkgheda fuk sufa ma gemb il gallarija, wiccu mohbi bejn idejh mitluf fin-naghas, agitat u cultant jehu nifs imdejjak, umbat Zura. Mat-tluh tas-separju jinstama dakk min barra li dejjem jersak ghan-naha tal gallarija. U Wara ftit id-dakk jekaf imbghad Vito.

**Afranio** (Jistembah mistghageb u mitluf fit-tewdin.) Ah! Min kighed isawwatni? (Imbezza). Dawn il feriti. (Ihares bhal wiehed mignun). Dawn id-dmija?.. fl'art taht riglejja! Collox ahmar?! Art u sema imciappsin bid-demm?! Anche hwejgi. ( Ighmel gesti tal biza). Min fejn ~~fejn~~ hareg dan id-demm collu? (Ihares lejn idejh). Ah! Min idejja? (Jinstama ghajjat ta biza min gewwa). Ajjut! Irsiera ejjew salvauni! Xi hagia li timpedixsci dan id-demm li hiereg min idejja!.... Ajnuna ghattilchom, ejjew salvauni!

**Vito** (Jidhol jigri dritt ghal fuk Afranio). O sidi, x'inhu li gralec?! (Izommu).

**Afranio** Xi haga li izzomm dan id-demm li hiereg min dawn il feriti! L'Art ucoll mimlija.

**Vito** X'Demm huwa, x'feriti?

**Afranio** Hawn ara f'idejja! Hares, hares kif collox kedt jiccappas bid-demm.

**Vito** (Jakbat id Afranio). Hawn maghandek la feriti u ankas taktira uahda biss tad-demm.

**Afranio** Iva, iva, ara id-demm kedt inhossu iciarcar ma sidri. (Jiftah sidru).

**Vito** (Ihares lejn sidru). Le' O sidi ma ghandec ebda ferita. (uahdu). X'Ikun dan likighed igaghlu jara haga b'ohra? Fejn kighed jarah dan id-demm? Huwa bla dubju kighed jewden.

**Afranio** Vito, ghandu jcun ghandi id-deni.

**Vito** Iva Sire, u mhux ftit. (pausa).

**Afranio** Ghejdli, hawn fejn kighdin?

**Vito** Fil palazz tighec Sire.

**Afranio** Fil palazz tighi? U dac il ghajjat ta ftit ilu x'kien?

**Vito** Chien dac ibnec kegheda igiddem idejh bir-rabia.....

**Afranio** Ah! Dac l'iddisgrazziat ta Fabio! Ma ghejdli ftit. X'inhija dic il marda li dahlet fieh?

**Vito** Min jaf Sire la billejl u l'ankas binghar ma jista jokodt quiet.

**Afranio** Dac is-sahhar ta Polante ma giex jghamillu xi visita?

**Vito** Il-lum ma gie xejn.

**Afranio** Tajjeb, mur u thallihx wahdu lil dac ibni ghaliex jakbes min x'imchien. (Imur jokodt fuk is-sora').

**Vito** Nobdic General. (Jitlak).

**Afranio** (Ikum u ghadu scantat). Ma ghadnix nara izied dauk id-dmija. Ma x'chien tighi? Hlomt? (Ihares lejn idejh). Ftit ilu cont kighed nara collox ahmar imciappas bid-demm, hassejt ucoll min isawwatni b'nerf l'actar crudil. Hlomt iva. Il holm lili katt ma ghamilli impressioni tant cbira. (jahseb). Ma jien fost collox rajt re fuk tronn li donnu chienet kegheda tigieh hniena minni. Dac ir-re smajtu ucoll ichellimni bi pronunzia l'actar helwa u confortabbli! Icun katt veru? (Hosbien). "Jena u uliedi nitghamdu u niehu il martirju ghal fidi ta Cristu." Nahseb li hija haga impossibbli. Fantasija, tewdin tal mohh. Jena li dejjem bghadt lill'Insara u hadt sehem ma Cesare fil persecuzioni.

Niftacar l'ahhar festa fl'anfiteatru, id-demm gera bhal xmara mill'igsma ta l'Insara u jen kont l'ewwel wiehed illi ciapciapt idejja..... u issa ....(Imiss gbinhu) rasi giamra nar, jena marid sewwa!...(Pawsa). Hekku ghaliex dan il holm kollu. (Imur jarga joqodt fuk is-sofa' fuk il mejda wiccu mohbi bejn idejh. Jirtcd. Pawsa.)

## SCENA IIa

Afranio u Zura imbghat Polante.

**Zura** (Tidhol bhal wahda li trid titkiscef xi haga). Hemm gewwa cullhadd rieked u sidi fejn mar? (Tilmah lil Afranio fuk is-sufa'). Rieked ukoll! Ma nafx ghaliex, dan il lejl kisu tal misteriji, sidi jinsab agitat b'hafna hsiebijiet tal biza, ma jghamilx hlief jiddellirija, L'iskiavi shabi ma jistax jidhlilhom nghas f'ghajnejhom, iridu bil fors jghamlu xi mezz biex jaharbu, ma jena ghedtilhom jehdu pacenzija ftit iehor u ihallu f'idejja, nati jen ir-rimediju kif ghandna nohorgiju min dan il palazz il barra. Ma attenzioni, altrimenti rasi taghmel tajjeb. (Imur fuk Afranio). Biza li samani ma ghandix. Huwa ~~kighed jghodd hamsa fil mijja~~. rieqed fil-fond Orkod, orkod, O sidi. L'Irkad tighec huwa liberta' lili. Huwa rieked bhal ma rakghad Oloferne meta katghatlu rasu Giuditta. (pawsa). Issa jen kieku kelli il hila ta Giuditta ma kontc nghamel l'istess haga; min ikun jaf kieku kif inhuwa rieked naktghalu rasu u nahrab bl'ir-siera kolla. (Tmur tiehu ix-xabla f'idejha u tidhol tittawwal bejn il quinti). Jena ma ghidtux li dan huwa lejl tal misteriji? (Tibqa tittawwal min bejn il quinti). X'Kieghed nara, persunagg ma dac il-tifel? Dal hin hekk stranb, ragel xuejjah min dic ix-xorta, bilfors li sejjer jimbet xi haga min dan il palazz. Ma hakk Giove!.... Mewt b'mewt nilghab xortija! Id-demm lili ma jghamillx impressioni, u ankas it-dbajja fuk dan il gisem issued, ma jatu fil ghajnejn xi sospetti Ghalina immela. (Hekk kif toghlli ix-xabla tigi mahtufa min Polante illi ikun dahal mil gallarija. Dan bla cliem ta xejn ifittex illi jigbdu il kuddiem u ibeghdu min Afranio).

**Polante** X'Kont sejjra taghmel OZura?

**Zura** (Ipoggi ix-xabla fuk siggiu). O illustrissimu Polante, istorni. (jghamel gesti li kigheda tibza).

**Polante** Ghalfejn keghd tibza? Ja Sewda?

**Zura** Titkellimx li kont sejjer noktol lil sidi.

**Polante** Belgha! Tiddubita fija?

**Zura** Ahlef li tistorni. (Dejjem fil gemb).

**Polante** Tghollix lehnek, iftakar li ghal kemm huwa rieghed fil fond jista jkum u jaqbadna. (jigbdu actar l'isfel). Nahlef fuk l'allat li maktiltux int, noktlu jen.

**Zura** Tini idec. (Jehdu b'idt xulxin).

**Polante** Pero' tweghdni li tatini ghajnuna meta ikolli bzonnok?

**Zura** Issibni mighek f'kollox.

**Polante** Tajjeb, issa trid taf ghaliex impedejtek li toktlu? Ghax ghadu ma hux il wakt. Biex jena u int nohbrgu b'unur ma Cesare, hemm bzonn li nghatuhulu f'idejh u natuh xi provi li huwa hati. U trid tkun taf ukoll ghax ninsab hawn dan il hin? Ghax jekk ma rajtx hazin deherli li rajt ragel xih diehel f'dan il palazz! U dac ir-ragel nilghab hajti li huwa nisrani. (F'widnejha). Min dawk tal Catacombi..

**Zura** Biex nghejdlek is-sewwa ftit ilu kont keghda nittawwal mit-tieka li tghati ghal Villa, rajt il cancell jinfetah bil mod il mod imbghad ilmaht diehel wiehed ragel ma wiehed ~~zaghzuh~~. tifel

**Polante** Brava kollu kemm hu! Jena il bierah weghtek illi nharbek min hawn gew, hux veru? Melaibda biex tahbini gio dan il palazz.

Zura Nahbik? Fejn nakbad nahbik?

Polante X'Imkien fejn hadd ma jarani.

Zura Fejn hadd ma jarak, ghaddi min din il gallarija li tnizzlek ghal gewwa.

Polante Tajjeb, inti fejn tkun?

Zura Jena ghas-sinjal li tghamilli issibni mighac bhal lehha ta berka.

Polante Kif sejjer ikun is-sinjal taghna?

Zura Bizzejjed dakxejn ta tisfira, (Afranio jitharrek). Isa Polante ahrab! (polante jisgiccia ghal gallarija. Zura jidhol jigri gewwa).

## SCENA IIIa

Afranio wahdu, imbghad Zura.

Afranio (Jistembah b'salt bhal min jigi milkut min xi hsiebijiet korah). Ghadni inhoss widnejja izzarzan. "Inti u uliedek ghandcom titghamdu u tmutu ghal fidi tighi". Fil hin nilmah quantita' ta Angli jittajru u b'lehen ta l' l'isbah strumenti icantaw. Ma allura dac li l'insara isejhulu Cristu, dac lili isejhulu id-dawl tal fidi ma hix ghidba? Iva hemm Alla, din il holma, biex ma nghidx v visioni tatini prova li jesisti xi haga aqwa mill'allat taghna, Mercurio, Giove u l'ohrajn kolla li ahna naduraw. L'Insara jghidu li il veru Alla huwa dak li miet fuk is-salib. Dak illi wara mewtu irxoxta u tala is-sema. Dak li meta kien f'din id-dinja kien jopera mirakoli min kull fejn kien jghaddi. F'Kelma wahda: In-Nazzarenu.
Jien lill'allat taghna katt ma rajthom jghamlu mirakoli, piuttost jitfghu is-sahta fuk kull min imiss mahhom bhal ma ghamlu lill'ibni. Ibni gie mgieghel mill l'Imperatur li jitfa l'incens ad unur ta l'allat u hekk hu hu li issa jinsab mitluf mis-sensi tieghu, berqa u tfakkija ta sajjetta li hargu min taht l'art hellewh bla sahha. Donnu gie ippossessat mill'allat hzieha. Ma irridc nitma fihom actar. Ikunu mishutin l'allat ta Cesare. (Isejjah) Skiavi! Zura! Hatt ma jisma? Skiavi!

Zura (Tidhol tigri). Hawn jien, O sidi.

Afranio Mur igri mal palazz kollu u farrak kemm idoli issib. Marridc actar lilhom inkim.

Zura Anke dawk l'istatwi tal fidda?

Afranio Sa l'anqas wiehed, kisser kollox! (Johrog).

Zura Nobdik. (Hija u sejra). Min hawn ehzen minni fid-dinja? Qisni kont xi profeta. Jiena ghidt li gio dan il palazz se sejra timbet xi haga gdida. N8Ghassu tajjeb ghal li sejjer jitfacca. (Jitlaq).

Afranio (Jithol iwaqqa idolu).

## SCENA IV

Afranio wahdu mbghad Lino.

Afranio Mil lum il quddiem Alla wiehed irrid nadura, dak Alla illi habruni bieh il Profeti. Ghandhom ragiun L'Insara ghal kemm huma ipperseguitati. L'Art, il hitan ta Runa huma kolla homor bid tixxrid tad-demm tahhom.
Li stess gebel ma jahmilx [illegible] dawn it-tracedji li [illegible] jghamel Cesare lill'Insara! L'Art [illegible] tirtoghod bit-terremoti. (Tinstama l'art titghezzez bi hsejjes cbar ta terremoti). Isma, isma xi hsejjes! Alla ta L'Insara ma jaghmilx izied. Nistenna li min mument ghall'iehor nintradam taht dan il palazz. (Jinsel l'isfel izomm mal kolonni fil hin tinstama tisfira qawwija. Zura taqsam ix-xena imbezza u tmur fil gallarija. Hemmek tintaqa ma Polante jaqbdu f'xulxien imbazza fil hin illi, il hsejjes aktar jizdidu. Isir quadru wara ftit il hsejjes jikkalmaw ghal kollox Polante u Zura jinhbew). Ah! ikkalma kollox. Din hija zgur il kilia Tan-Nazzarenu. (Joqod bilkeghda fuq siggiu u jehu pawsa lbira.)

Lino (Jidhol mill bieb tal gemb u imur dritt fuq missieru). Pa' kum isa. (Ikieghed idu fuq spaltu).

Afranio (Ikum). X'Hemm ibni? Fejn kont Lino ma rajtek xejn il-lejla? (Ibusu fuq gbinu). Ghaliex thallini wahdi, u tabbanduna lil dak Fabioli jinsab tant imdejjak hemm wahdu gewwa dik il camra. Ghidli, fejn mort dan il hin bil lejl? Ma Bzajtc min dac it-terremot li ghamel?

Lino U nghid li bzajt. Ghadni kieghed nirtoghod bil qatgha.

Afranio Min mindu mietet dik omcom Agnese kieghdin tghamlu li tridu. Ghidtilcom biex bil-lejl ma tohorgiux barra. Fejn kont? Lino?

Lino Kont ghand wiehed sinjur.

Afranio Dan is-sinjur minhu?

Lino Ma nghafux, qatt ma kont rajtu.

Afranio La ma tghafux x'mort t'ghamel ghandu?

Lino Jiena ma mortx ghandu, kont miexi fit-trieq, rghani u hadni id-dar tieghu. Imma kieku taf pa' kemm hu ragel tajjeb?

Afranio (Wahdu) Min qatt kien dan is-sinjur li ha lil ibni id-dar tieghu? Xi habib li jaf lili. (lil Lino) X'Qallek dac is-sinjur meta kont ghandu?

Lino Qalli hafna affarijiet sbieh, imma bhal issa ma niftakarx imbaghad kien hemm hafna nies u bdew ikantaw sabieh hafna.

Afranio Issib li kellu xi bankett. Dawc in-nies li rajt inti kienu il mistidin. Kien kighed isir xi ballu. Darb'orhra ahjar ma tmur xejn qalb dak is-sfin ghax mhux unur taghna.

Lino Xejn affattu missier, ma kienx hemm ballijiet, kien hemm daqs tmienija min-nies colla rashom baxxiuta sa l'art ghajnejhom l'isfel u ikantaw b'lehen mill'aqtar helu; fil hin dan is-sinjur beda jghid kliem li qatt ma kont smajtu u colla xehtilhom l'ilma fuq rashom.

Afranio (Wahdu) Ah nifhem. Dik hija il forma tal mghamudija ta l'Insara. Kien xi sacerdot li jipprofessa ir-Religion ta Cristu. (Lil Lino). Intant lilek xejn ma qallek? Ma stajtc tifhem xi haga milli kienu kieghdin jghidu dawk in-nies?

Lino Le' xejn ma fimt; imbghad meta spiccaw dak is-sinjur staqsieni jben min jien u meta ghidtlu, qal irid ikellmek.

Afranio Lili? Irid jkellimni?

Lino Iva missier, ma nafx x'irid jghidlek.

Afranio Ikellem lili?! Haga ftit stramba! Ma jafx illi jien ingib il grat ta General fl'Armata ta Cesare u ma nistax nit-kellem ma min jistkar ruhu nisrani. (Lil Lino). Ibni, jiena lil dak ma nistax inkellmu ghax ikun ir-rovina tighi. Jekk ikun jaf Cesare inehhili il grat ta General.

Lino Ma missier, dak is-sinjur kieghed hawn jistenna lilek.

Afranio Kif? Wiehed Nisrani jidhol fil palazz tighi? U min kien li hallieh jidhol mil bieb il gewwa? (Incurlat).

Lino Ikkalma missier, m'humiex is-servi, anqas Zura li dahhluh hawn gew, huma kolla rekdin. Jiena wassaltu sad-dar u jiena ftahtlu il bieb tal-palazz.

Afranio X'Ghamilt b'idejk ibni! Sejjer tkun ir-rovina tighi u tighu

Lino Kif? Ghaliex? Dak is-sinjur huwa tant tajjeb. X'Disunur tista tghamel il presenza tighu hawn fil palazz taghna?

Afranio T'Ghamel bil bosta, inti ma tafx illi in-nobbli collha ta Ruma li huma taht il poter ta Cesare ma jistghawx jitkellmu ma L'Insara?

Lino Insara? Qatt ma smajta din il kelma! X'ikunu dawn l'Insara.

Afranio L'Insara huma dawk li ghandom Religion ohra li xejn ma ghanda x'taqsam ma ta l'Imperatur, u dawk kolla li josservaw din ir-Religion ikun gwaj ghalihom jekk jaqghaw taht idejn il Pretoriani ghax jatuhom il mewt.

Lino Ma dan mhux sewwa! Imbghad jalla fine aktar toghgobni ir-Religion tahhom min taghna. Huma ihobbu lil kullhadd. Kieku taf dak is-sinjur kemm biani u ghannakni mighu u dawk in-nies l'ohra kemm ferhu bija....

Afranio (Wahdu). U dan is-sinjur jinsab hawn gewwa il palazz tighi. (Lil Lino). Tajjeb, Lino mur ghidlu jghaddi hawn, ma qis li hadd ma jarakom.

Lino Ma ghidtlekx li kullhadd rieked missier.

Afranio Mur ikkumpanjah hawn fuq.

Lino Sejjer missier. (Jitlaq ferhan).

Afranio — Ninsab bejn in-nar u l'ilma; ma nafx il fejn sejjer nimxi. Dik il holma hekk sabieha. Ah! Nixtieq li nistqar ruhi nisrani, ma... kieghed inhoss demmi jiksah! Kieghed jonqosni id-dawl! (Izomm mas sofa' bejn jaqa u ma jaqax u jibqa diehel gewwa jixxengel).

## SCENA V

Polante, Zura u Afranio.

Polante — (Jitfacca mil gallarija warajh ukoll Zura). Ha, ha, ha, ha! Konfus il habib tghana. Tisma Zura liema kliem? Ghajb kont toktlu kiesa u biered minghair ma ggelu isofri il hruxija tal habs. Hallieh f'idejja, jiena strument tajjeb li nahdem xoghol l'aqtar difficili. (Wahdu). Nispera li jnsib tarf tighek sur General, bhal ma sibt ta martek Agnese.

Zura — (Lil Polante). Ippermettili nissepara ruhi ftit minnhek biex inkun nista ninfurmak min xi affarijiet.

Polante — Mur, jiena nibqa fil bejta tighi nghasses lil haruf. (Imur fejn kien qabel Zura. Jati salt u jistahba wara is-sufa'. Afranio jerga johrog in xena confus).

## SCENA VI

Ermete, Lino u Afranio.

Ermete — (Jidhol kollu migbur, rasu baxxiuta, akkumpanjat min Lino). Is-sliem ghalic O Gbir General. (Imur ma gemb Afranio).

Afranio — O scusi! (Jirpilia). Ikkumpatini sinjur? Ninsab barra mis-sensi tighi. Intant fix ghandi inservik?

Ermete — Mhux inti li ghandek is-servi lili, ma jiena inservi lilek.

Afranio — Tajjeb, x'inhuwa is-servizz li sejjer tghamilli? X'inhu qatt li giebek hawn fil palazz tighi? Min inti qabel kollox?

Ermete — Jiena indenjament huwa l'Iskof Ermete.

Afranio — Isfof, vuoldiri protettur ta l'Insara, discipolu tan Nazzarenu?

Ermete — Kollu kemm hu. Protettur ta l'Insara discipolu ta Gesu' Cristu, rghaj ta l'erwieh.

Afranio — U kif abbusajt tidhol gewwa il palazz ta wiehed ghadu tieghek?

Ermete — Ghadu? U le Altissimu General. Inti wiehed mil hbieb li jiena nzomm mghalukin gewwa qalbi.

Afranio — Jiena habib tighek? kieghed tisbalja! Anzi nibza bil bosta li inti sejjer tkun kagiun ta hajti! Il miggija tieghak dan il hin fil palazz tieghi sejra tkun ir-rovina ta dari.

Ermete — Xejn tiddejjaq O bniedem iffortunat. Xejn tiddejjaq.

Afranio — Kif! Trid li a kagiun tieghek jiena naqa fil miserija, naqa skiav ta Cesare u joqtluni bit-torturi.

Ermete — Xejn la tibza. Kun af illi jiena ma gejtc biex nghamillek id-deni, gejt biex nikkonfortak u ma inhalliekx confus u imdejjaq. F'kelma wahda gejt biex nghamillek il gid.

Afranio — X'gid hu li tista tghamilli inti nisrani? Ma tafx li jekk jigu jafu il capijiet tas-senat illi jiena dahhaltek hawn gew inti tkun ir-rovina tall'unur li jiena inzomm fil persuna tighi mal kbarat kolla ta Ruma u specialment ma l'Imperatur? (Agitat).

Ermete — Ma Habib tieghi, inti tibza min haruf tant mans li gie biex imiet ghonqu ghal taht is-sikkina u jigi issacrifikat biex isalva lilek?

Afranio — Issalvani? Inti?

Ermete — Iva, insalva lil dik ir-ruh li s'issa kienet dejjem mitfuna fid-dlamijiet tal qerq u fil vanita' tad-dinja.

Afranio — Ma nistax nifhem xi trid tghidli. Nifhem bis li inti Nisrani u jien pagan u ghal daqstant ma nistghawx noqodu flimkien bhal ma jistghawx joqodu in-nar u l'ilma! Tifem?

Ermete — In-nar jghamel nar lil li stess silc ingiazzat; jien huwa in-nar, inti huwa l'ilma, jiena insahhan bil kalur ta l'imhabba t'Alla u tal proxxmu, inti ingiazzat bil bruda li id-dinja tixhet fuqek. Eppure il mument tieghek wasal! Kun af habib tighi li anke inti ghad trid issir nisrani u anke uliedek!...

Afranio — Jiena? Uliedi isiru nsara? Ma dawn hwejjeg li jistidnu il mewt.

Ermete — (Lil Afranio). Ghawn O General gia ghidtlek li jiena haruf l'Aktar mans lest biex immid rasi taht is-sikkina! Ma qabel ghandi haga gewwa qalbi hallini nghidlek x'inhu li scop ta din il migija tighi ghandek.

Afranio — Nispiccaw mela, ghiddli x'inhu l'iskop tighek.

Ermete — L'Iskop tighi huwa wisq interessanti. Hwejjec qbar O General sejjer nirrakkuntalek. Dover qaddis gibni hawn fl'aqqal tall'lejl gewwa darek.

Afranio — Ghidli mela, ghax tlift zmien inn-sejjed. Spicca qabel xi hadd jarak titkellem mighi. (Fil hin Polante jaqsam il gallarija minghajr kliem ta xejn. Zura tgholli rasa m min taht is-sofa' tilmah lil Polante, jghamlu sinjal lil xulxin u jergaw ghal fejn kienu).

Ermete — Kollox nghidlek, ma nixtieq inkunu ftit wehedna.

Afranio — Lino, ghal issa mur okghod ftit gewwa, imbaghad erga ejja.

Lino — Iva missier, nerga nigi biex inwasslu lil dan is-sinjur. (Imur ibus lil'Ermete, Ermete ibierqu. Lino jitlaq).

Ermete — Ninsabu wiehedna. (Polante u Zura jitfaccaw rasom u jghatu harsa feroci). Issa ikollok il bonta' li tismghani.

Afranio — Nindenja ruhi nisimghek!

Ermete — Mela ghandek tkun taf li daqs sigha ilu, jiena kont migbur gewwa kamarti mixhut fil pregieri gharkuptejja quddiem crucifiss. Kont kieghed nitolbu bid-dmuh f'ghajnejjha illi inehhu dan il barbarismu li ghandhom fuqhom il pagani illi ma jridux jaduraw lil veru Alla, filwaqt nilmah il kamra tintela b'raggi risplendenti, b'dijja li l'ghajnejn tighi hallIethom storduti, fil hin nisma vuci gejja min nahha ta fejn kien il Crucifiss, u tghidli, Ermete, inti bhala dixxipolu tighi mur ghand il General imsemmi Afranio u mur bla biza. Huwa pagan. Ghidlu illi smajt vuci mis-sema tghidlek: Il General Afranio u uliedu ghandhom jithammdu u fl'imkien jehdu il martiriju ghal fidi ta Cristu! Dak li sejjer tghamel sejjer tghamlu ma huk.

Afranio — (Mistghageb ghall'ahhar). Kif?!!! Ma huk?! (Iqum f'daqqa).

Ermete — Iva ma hija; inti dan l'isem ta Afranio sirt iggibu min mindu izzejjint bi grat ta General; qabel inti kien jismek Icilio u jiena huwa il mahbub huk Rufo. Jiena t'ghammiet u biz-zmien sirt Iskof taht l'isem ta Ermete.

Afranio — O!.... Mirakoli!.... Hija Rufo?

Ermete — Mahbub hija Icilio, iva jiena huk. (Jitghanqu ghal ftit minuti).

SCENA VII

Poltante, Zura u ta qabel.
(Afranio u Ermete ghadhom imghanqin).

Polante — (Johrog mil gallarija u imur ma gemb Zura). Zura inhoss qemmi jghali, hares l'hemm b'liema effett ta mhabba kieghed jghafas ma sidru lil dak in-nisrani.

Zura — Thallix ir-rabja telbek, O Polante? Issaporti ftit iehor. Hemm bzonn linassistu ghal din il funzioni sa l'ahhar minuta.

Polante — Ah! Li kont ghasfur li nista nittajjar ghal palazz ta Cesare sabiex nghamel li spijja! Ma basta, ix-xewqa tighi tkun sodisfatta. (Jinhbew wara is-sofa').

Afranio — (Jinfired min Ermete bhal bniedem iblah).
Mirakoli? Hija Rufo li ghal ghoxrin sena qatt iziedma rajt lil wiccek! U kif inbilt hija? Xjeht tant li ma bkajtc nara farca min wiccek.

Ermete — Ah hija, din ix-xuxa bajda taf tirrakkonta wisq hwejjeg tragici, dan il wicc isfar u dawn il ghajnejn fil hofra jafu jirrakkontaw wisq dwatija u sofferenzi.

Afranio — Fejn kont dawn l'ghoxrin sena li ili ma narak?

Ermete — Meta infridt minnek ukajt prigiunier tal guerra, is-sema laqqatni ma habib u permezz tieghu jiena ircevejt il mghmudija, sirt nisrani, ma damx wisk li ma gejtx ippersegwitat u ghal daqs tant kelli nahrab ghall'Afrika. Fl'Afrika ghamlu ghalija is-selvaggi u issa mil gdid erga gejt hawn f'Ruma nghejx bil mohbi gewwa il Catacombi.

Afranio — Tibzax hija, issa flimkien ahna. Nammekk ghandek palazz nimbli bli tixtieq qalbek. Ma inhallu dan fil genb u nergaw ghal li konna.
Inti ghidtli li smajt vuci tghidlek illi jiena u uliedi ghanna nitghammdu u immutu ghal fidi ta Cristu?
Taf illi dan holomtu anke jien?!

Ermete — Anke inti?

Afranio — Iva, li stess haga jiena holomt.

Ermete — Ghid ahjar li rajt li stess visjoni li rajt jiena.
Din hija vera visjoni. Tara hija immela kif uliedi huwa kliem ta verita'? Tara kif dan huwa miktub fis sema u Alla iridu minnhek? Iftah ghajnejk immela u qacciat min gewwa qalbek il paganesmu. Gahmel bhali O hija, gharaf il Veru Alla u tibzax mil persekuturi.

Afranio — (Jaqbad id Ermete u ibusa). O Rufo, liema felicita' kieghed inhoss titwieled giol qalb tighi.
Jiena insir Nisrani bhalek ~~..~~ Pero' inhossni donni kieghed nibza.

Ermete — Le Icilia, thalliehx jonqsok il kuragg, min hawn u ftit iehor inti u uliedek tircievu il mghamudija mqaddsa!

Afranio — Tkun ir-rovina tighi.....(konfus).

Ermete — Ma kontc jiena ukoll wiehed mill qbarat ta Ruma. Inti tiftakar li ghoxrin sena ilu kont ingib il grat l'iggib int illum ta General? Bhalek ukoll kont valorus, qawwi u kuraggius sabiex nikkumbatti. Dan id-drieh jaf jitkellem min din ix-xabla, sidri miksi bil feriti jaf jghid ukoll kemm il darba hatt parti fil kumbattimenti! Kont ukoll smat u onorat bhal ma tinsab int, eppure daqsxejn ta hsieb kien bizzejjed biex nitfa kollox wara spallejja!
Kuracc Icilia! Alla indenja ruhu isejjahlek, inti tkun is-serv tighu li tirrispondieh!

Afranio — Tajjeb! Jiena inwiegeb ghas-sejha t'Alla!

Ermete )
Afranio) — Evviva l'Isem ta Cristu! (Jitghanqu).

**Polante** — (Jitfacca min wara is-sofa'). Ah! Rabbja! Liema hajf nies mishuta! Dalwaqt insib il post taghkom! Hemm gewwa il habs ta Mamertino stringiuti bl'itqal ktajjen. (Jinheba).

Ermete — Mela jiena ~~hija~~ issa sejjer u nerga nigi aktar tard biex ~~aghatikom il~~ intijjikom ghal mghamudija.

Afranio — Jiena nigi ukoll mighek. (Fil hin jinstama twerzik min gewwa).

Ermete — Oh! X'Ikun dan il ghajjat?

Afranio — Oh! Dak l'iddisgrazziat ta ibni, kieghed jghajjat.

Ermete — Ibnek? X'kieghed ihoss? X'ghandu?

Afranio — Hadd ma jaf x'ghandu, mindu mar jixhet l'incens quddiem dawk il ahna insejhulhom allat, ma nafx x'dahal gio fih jitturmentah, jghajjat lejl u nar. Hadd s'issa ma sata jfejqu.

Ermete — Jitfa incens lill'allat foloz? Huwa veru id-disgrazziat! Jinsab bla dubju ippossessat min Satana.

Afranio — Hekk ucoll nahseb jien.

## SCENA VIII

Vito, Lino, Fabio u ta qabel.

Vito — (Jidhol izomm lil Fabio illi ikun marbut bil hbula jissalta bhal wiehed feroci biex jahrab, u jghajjat, jidhol ukoll Lino). Sirę kelna norbtuh bil hbula ghax hadd ma jista joqghod bieh! Beda igiddem idejh u jqatta hwejgu bhal annimal feroci.

Afranio — Ibni ikun mishut dak il mument li mort tixhet l'incens; ikunu mishutin dawk l'idoli!

Fabio — (Ighamel ghajta tal biza, fil waqt li Vito izommu ma sidru, jghati salt u jghaqta il hbula). X'Nahti jiena?

Qabel fir-ruh tighi kienet tit-trionfa l'innocenza! Inti tliftili? X'hetta taht riglejk biex minfloka tkiegħedli l'ispiritu infernali. Inti, int li jiena ghandi id-dover li insejjahlek missier. Gialtni nitfa l'incens u nghamel il kongiuri fuq l'idoli. Inti sraqtli min gewwa qalbi il paci. (Imur biex jahtaf lill'Afranio).
Inti mishut!

Afranio — Oh! Le' ibni, ahfirli! Jiena ikkmandajt li l'idoli jigu kollha imfarkin u sa ghada anke dawn ikunu kolla taht l'art? (Fabio ghadu iggranfat ma missieru).
Ajjut! O hija, inti li tippossiedi il qawwa tas-sema il-liberani min ibni! Min Satana!

Ermete — Huwa ippossessat mid-demonju! Icilio, la taqtax qalbek jiena fl'Isem tan-Nazzarenu infejjaq lill'ibnek. (Vito u Lino jibqghaw imbezzha, Ermete imur fuq Fabio jgholli idu il fuq u jghajjat b'solennita' gbira fil hin li jghamel is-Sinjal tas- Salib). O Spirtu infernali, nikmandak fl'Isem ta Cristu, thalli fil paci lil dan it-tifel.

Fabio — Fejn tridni immur! (Jinfired min missieru u b'roghoda gbira fuqu Vito izommu li ma jaqax fl'art).

Armete — Mur gewwa l'Infern, ghax hemm huwa postok. Itlaq fl'Isem tan-Nazzarenu!

Fabio — (Jghajjat ghajta qawwija u jaqa bhal mejjet f'dirghajn Vito). (Satana Jaqsam ix-xena).

Ermete — O hija Icilio, ibnek huwa imfejjaq u dina tatik prova ukoll sabiex tissahhah fil fidi. Taraf il Veru Alla minghajr ma jista jigik ebda dubiju.

Afranio — (Jogghod gharkuptejh quddiem Ermete). Grazzi O hija Rufo!. (Iqum). Inti huwa il veru tabib! Ghandek jiena rajt il qawwa li inti takkquista mil Veru Alla! Ma nafx b'liema te tesori naqbad inhalsek talli ghamilt ma ibni.

Ermete — Jiena ma irridc hlas, biss irridek timxi wara il pass tighi.

Afranio — Warajk nimxi sal mewt.

Fabio — (Jistejken). Oh!.... Min ikun li opera dan il Mirakolu mighi?

Afranio — (Imur jigri ghal fuq Fabio). Ibni Fabio! Hawn ara dan l'Iskof, dixxipolu ta Cristu, protettur ta l'Insara, irringrazziah ta dan il beneficiju li ghamel mighek.

Fabio — (Bil hlewwa). O Sinjur! Grazzi, grazzi, grazzi. Inti irxuxtghajtni mil mewt ghal hajja. (Ibuslu idu. Bil hlewwa).

Ermete — Kun imbierek ibni, inti imfejjaq

Afranio — Uliedi: Lino, Fabio, tridu tafu min huwa dan? Dan huwa hija Rufo, dak li dejjem kont insemmilkom. Huwa zijukom.

Fabio e Lino — Oh! Iz-ziju Rufo. (Jitghanqu mighu).

Afranio — Isimghaw uliedi: Hawnekk rajtna bic-car il qawwa t'Alla, li jiena ghallimtkom tghaduraw, ma Alla li huwa Gesu Cristu ghalekk ahna issa hemm bzonn li nitghamdu u Insiru Insara skond ix-xewqa taz-ziju Rufo.

Ermete — Iva, skond ix-xewqa tighi u tas-Sema imxu halli inlakkghakom ma l'Insara l'ohra li ghadni kif ghammidthom ftit ilu. (Jitlaq cullhadd).

SCENA ULTIMA

Polante u Zura.
(Polante u Zura johorgiu bil mod il mod min wara is-sofa' u imorru fuq ponot riglejhom jittawlu mil bieb li hargiu l'ohrajn).

Poltante — (Jigbed il quddiem lil Zura). Smajt liema liem? Liema suggerimenti imur jghamillu dak il furban ta xieh Nisrani? Jgholli il bandiera tas-Salib u jitfa taht riglejh il bandiera ta Cesare?

Zura — Kollox smajt issa imiss lilek O Polante, ehlisni min dik l'iskiavitu'. Jiena nitlob lill'allat jghejnuk jimluk bil gid jimlewk bil gherf, jien inkun ukoll tighek fejn ikollok bzonn ta ghajnuna, jekk tkun trid toqtol bi stalletti, velenu, torturi ghatż lili il Kmand, l'idejn tighi huma dejjem fermi. Ir-roda ma tghamilx bija, mur malajr ghamel li spija. Igri ghal ghand l'Imperatur.

Polante — Immur u naqbes min dik il gallarija bhal ma is-sajjetti jfarku is-shab u jinzlu min dak l'gholi tas-sema. Nivvendika ruhi. Afranio lili izommni bha;a habib tighaw, ma habib falz! Traditur illi ifittex il mezzi kolla kif ghandu jeqirdu. Huwa jippartecipa ma l'Insara, dan bis ridt naf. Nahlef fuq l'allat ta Cesare li dan il palazz min hawn u sigha ohra ikun vampa wahda.

Zura — Mela x'inti tistenna? Li kont jien gia qeda quddiem Cesare biex nirrakkontalu sa l'anqas dawgha li qalu kontra tighaw.

Polante — Immur, u fost kollox nghidlu illi izomm l'insara [illegible] id-dar tighaw. Ma jgibx ghal zmien twil fuqu din il-libsa ta General. Huwa ma kienx kuntent li jafda lill'ibnu f'idejn sahhar valorus bhali biex niehu kura tighaw, mar igib wiehed min dawk il mishutin ta Insara dawk li ghandhom kumnikazioni mad-demoniju ghalhekk huwa fejku lill'ibnu. Hallieh f'idejja, n'ghamel minnhu vittima imbghad ikun jaf min huwa Polante. (Jinstama mixi min gewwa).

**Zura** — Polante!... igri ghax gej xi hadd!

Polante — Jien sejjer n'ghamel li spija; min hawn u ftit iehor nergia inkun mighek.

Zura — Iva, fittex ahrab!

Polante — Addijo Zura! (Jghati salt u jaqbes mill gallarija).

(Jinzel is-separiju)
RAPIDO.

FENE DEL PRIMO ATTO

===============

# ATTO SECONDO

## (L'ghada filghaxija)

Xena bhal ta qabel. Maqtur abjad tal harir fuq il mejda, pinna u klamar ma gemb il maqtur. Purtiera hamra fil gallarija li ghal tfuh tahha jidhol dawl ta qamar. Kollox silenzju. (Bil-lejl).

## SCENA PRIMA

Afranio imbghad Fantasma.
Mat-tluh tas-separju jinstama daqq ta arpa.
Jinstaqq is-silenziu militari.

**Afranio** (Imur ma gemb il ~~xxx~~ gallarija imexxi il purtiera bil mod il mod, imbghad jeqaf jikkonsidera.) Ah! Din il kalma tal lejl bis-sema car u dan id-dawl ta qamar liema sentimenti inissilli gewwa qalbi issa li naf x'inhija imhabba. Kemm thobbu ahjar l'Alla meta tkun fiskiet u toqghod timmedita il Creaturi li huwa halaq! Il gmiel tas-sema, il bahar, in-natura thaddar u tixhet il profumi min dawk il helwin fiurim inhossom iqawwuni fil virtu'! Iva, inhobbok O Alla, u inhobbok fis-sema tighi kollha! Nibki l'imghoddi ghax ma gharaftc min qabel. (Imur joqghod bil keghda jahseb. Id-daqq ta l'arpa jibda jinstama sewwa). Ah dan id-daqq ta l'arpa ifakkarni f'misteru terribili! Li s'issa ghadni ma nistax nifmu. Dik marti meta f'lejla sabieha bhal din, il qamar bid-dawl tighu kien kighed jimla din is-sala u dan id-daqq ta l'arpa kien jinstama hawn bhal issa. Xhin derli li smajt il vuci ta Agnese issejjah l'ghajjut gejt nigri bhal lehha ta berqa gewwa din is-sala u ma insib lil hadd, nimxi zewc passi ohra u nilmah tebgha gbira ta demm ghada titferrex fuq dak l'irham abjad. Min jaf fejn xehtuh il gisem tahha? (Pawsa). (Jiffissa post bejn il quinti). Ix-xbija tahha hija dejjem quddiemi ghajnejja, bhal ma il bahar ghandu dejjem is-sema quddiemu u fieh jirrifletti. Nisthajjilni li kieghed ~~ghara~~ narha quddiemi! Hemm dejjem hija kienet tkun, (juri b'sebghu) taqra fuq dak is-sofa'.

**Fantasma** (Fil hin li Afranio, kieghed juri b'sebghu, tohrog min bejn il quinti taht forma ta Anglu b'kuruna tal ward f'rasu u mghottija b'mant ahdar. Bid-delikatezza kolla tmur ma gemb il mejda taqbad il pinna u tikteb fuq il maqtur ta harir, imbghad tohrog mil post li tkun dahlet).

**Afranio** (Ghal din ix-xena jibqa ippressjonat u mibluh). Dak l'Anglu! Fejn mar?.... Jiena rajtu! (Imur ma gemb il mejda u jara il kitba fuq il maktur). Ma rajtc hazin! Kiteb xi [illegible] fuq dan il maktur. (Jehu il maktur f'idu). (Jaqra). "Afranio la tithassarx lil min kieghed igawdi il felicita' eterna. Thassar ir-ruh tieghek u ta uliedek. Siru Insara. Ircievu il mghamudija. Intkom tigu ipperseguitati ma xejn ma jimporta. Cun af li Polante huwa ghadu tieghek, ma inti tirbhu. Jiena nitlob ghalikom. Kuragg l'indirizz tieghi huwa it-trieq tas-sema. Agnese".
Oh! liema confusjoni! (Ihares lejn il maktur). Polante ghadu tieghek, ma inti tirbhu, curagg! U forsi il curagg lili jonqos xhin nigi biex niehu il mewt?!. Eppure dan iridu minni is-sema u inkun jien illi indawwar spalltejja. (Jokod gharcuptejh) Le O'Alla ta l'Insara! (Jibqa gharcuptejh).
Lestili il palma ta martirju!

## SCENA II

**Vito** (Jidhol) Il General mixhut f'att ta preghiera?! Din it-tibdila qatt ma kont nistenniha minnu! Mela mhux ~~gideb~~ ghagib illi ihalli lili nghamel id-dover tieghi ta Nisrani. Ma, attenzjoni ghax il kelma Nisrani iddoqq wisq kera fil widnejn tar-Rumani. Xin meta jigri l'eku tal kelma Nisrani stenna li warajh jigri id-demm! (Imur fuq il General). Sidi altissimu General. (Jghamel inkin.)

Afranio (Iqum) O Vito ghaliex gejt ~~titterrompi~~ tikser dan is-silenzju tighi?

Vito Ahfirli O gbir General, gejt nghidlek li hawn dak is-sahhar illi soltu jigi jikkura lil Fabio.

Afranio Polante is-sahhar, dak li jrida ta tabib.

Vito Iva Polante.

Afranio (Wahdu) Polante illi jena inzommu b'habib, mentri huwa ghadu tighi. (Lil Vito) Polante f'dawn il hinijiet x'gie jghamel, x'irid.

Vito Jixtieq ikelmek, gie jiffrahlek ghax qal li sama fil fejkan ta ibnek.

Afranio Mur ghidlu jghaddi. (Vito isellem u jitlaq).
Verament dak Polante dejjem zammejtu b'habib sincier, eppure (ihares fuq il mactur) dina it-twissija keghda tstini x'nahseb. Gie biex jghara lill'ibni? Ibni huwa imfejjaq min tabib tajjeb. (Imur ikieghed il mactur fuq il mejda).

## SCENA III

Polante u ta qabel

Polante (Jidhol b'arpa f'idu akkumpanjat min Vito).
Salve illustrissimu General!.....

Afranio Salve Polante!. X'giebek dan il hin?

Polante Gejt niehu parti mighek fl'allegrija. Smajt li wiehed sahhar bil bosta aqwa minni fejjaqlek lil ibnek, mhux veru?

Afranio Iva, it-tifel huwa imfejjaq, imma min fejqu ma hux sahhar

Polante Kif jista ikun, min ifejjaq lil morda ghajr is-sahhara?

Afranio Is-sahhara mil lum il quddiem ma nemminx bihom aqtar. Huma hrafa!

Polante Hrafa?! Kieghed toffendini! Mhux soltu tighek tiddisprezza lis-sahhara. Is-sahhara huma stimati u onorati anke mil l'istess Imperatur. Is-sahhara huma tobba tajba, ghax huma protetti mill'allat.

Afranio Eppure il General Afranio inkeda b'tabib jehor li huwa bil bosta aqtar valorus mis-sahhara kolla ta Ruma. It tabib li fejjaq lill'ibni ghandu medicina li tikkonforta u tfejjaq fil mument, mentri inti lill'ibni tajtu min kull xorta ta medicini u hallejtu dejjem xorta fi tbatija, u qatt ma issollevajtu.

Polante Jista ikun ukoll li dan is-sahhar huwa aqwa minni.

Afranio Le, mhux sahhar kieghed nghidlek.

Polante Jekk mhux sahhar qatt ma jista ikun li ibnek jinsab imfejjaq.

Afranio Ma temminx?

Polante Irrid nara b'ghajnejja biex nemmnu.

Afranio Tajjeb, immur ingibu quddiemek. O nobbli Polante. (Jitlaq ma Vito).

## SCENA IV

Polante wahdu imbghad Zura.

Polante (Imur min fejn telaq Afranio). ~~Ah, Ah~~ Ha Ha, nobbli: ma jafx li taht dawn il bictejn craretli fil ghajnejn ilelxu, jinsab wiehed miserabli sahhar, spjun ta l'Imperatur. Dan il General izommni b'habib fidil tighawn ma nafx x'jara fija; forsi ghax nghamih billi nigi indokklu xi ftit din ic-citra. L'Imsejken ma jafx li taht dan il haruf mans li jien nuri mighaw tinsab volpi l'aktar feroci. Gia mort ghand l'Imperatur, ghandi il pianijiet lesti kolla.
Hekk kif wassaltlu li Afranio sejjer isir nisrani, kien pront sejjah is-senaturi tighu u bhal issa gia kieghda issir il kongiura kontra tighu. , u sgur li ma kienx jistennini dan il hin, u huwa ma jafx li skop tighi x'inhu; ma jafx liema fatalita' sejra taqa fuku min hawn u ftit iehor. (Jersaq lejn il mejda u jilmah il maqtur.) Oh! X'Ikun dan? (Jaqbad jaqra). "Kun af li Polante huwa ghadu tighek ma inti tirbhu".
Min ikun qatt li kiteb dawn il kelmiet fuq dan il maqtur? (Ihares lejn il maqtur.) Agnese, dan huwa l'isem tal mara tal General. Ma hix mejta? (Imbezzha, - Pawsa).

Jiena hawn gew ma hadd ma fdajt qalbi hlief ma li skiava ta Zura! Jekk gharfet xi hagia lil'Afranio milli afdajt mahha nittanta biex noqtola. (Jinstama mixi min gewwa.) Hawn hi, Zura, naraw hux hija li ittraditni.....

Zura (Tidhol.) Illustre Polante, xammejtek mis-sotteran.

Polante U x'gejt t'ghamel? Jien ghidtlek li meta ikolli bzonnok insaffarlek. Ma nghamlux mod li trid ittella sieqek fuq ghonqi bhalek?

Zura Kif? X'dahhalt gio rasek mil bierah l'hawn? Il bierah bhal issa konna kieghdin niftehmu u inti ftaht qalbek mighi, u issa.....

Polante U issa kieghed nara li zbaljajt bil hosta.

Zura X'dubju ghandek f'mara bhali?

Polante (Jurih il maqtur). Min kitbu dan?.... aqra....

Zura (Wara illi ikun qara.) Jen nghid lil sidi illi inti ghadu tighuw? Tiddubits fija?

Polante Ma allura x'gejt t'ghamel fuq ponot subajk min ghajr ma sejjahtlek?

Zura Ghax biex nghidlek hemm isfel ma gemb il villa ma flahtc nissaporti bir rieha ta katavri li kienet gejja; niddubita li hemm xi hadd midfun!

Polante (Wahdu iddisprat.) Miserabbli! Din sejra tghamilli xi bicca, Il katavru tal mara ta Afranio li dfint xi xghar ilu. (Lil Zura). Igifieri xammejt rieha ta katavri?!

Zura (Jersaq aqtar ma gemb Polante). Biex sgur ridt nassikura ruhi ippruvajt inhaffer fil hmrija u tfacca gisem ta bniedem, ma stajtc naraf min hu; Imma inkun naf izjed il quddiem min xi sinjal ta xi hwejjeg.

Polante (Isictu.) Basta! Basta dan il koiem ja mishuta, int qatt ma smajt li il mejtin ghandek tidfinhom u mhux taqqlahhom mil qabar tahhom?

Zura Ma Polante, inti mhux soltu tighek li tibza fuq semplici haga zghejra, kieghda marak tirtoghod bhal tarbija!

Polante Ghidtlek iskot! (Jislet stallett min hziemu). Itlaq altrimenti.... (Igholli li stallett).

Zura (wieheda hija hu sejra). Eh! kieghda nara li din il bicca ma ghogbitux lil Polante, nilghab rasi, li dak il katavru huwa vittima tieghu! Halli f'idejja. (Jitlaq).

Polante (Idahhal l'istallett). Din sejra tghallini, hemm bzonn li nghamel xi mezz. Jien wedta li nillibera min hawn gew ma mejta pero' tohrog min gewwa dan il palazz.

SCENA V

Afranio, Fabio u Polante.

Afranio (Jidhol b'Fabio.) Hekk hu Polante, ibni jinsab mimli bis-sahha!

Polante (Jersaq ma gemb Fabio ghadu jirtoghod). O Fabio, inti imfejjaq?

Fabio Iva, l'ispiritu ta Satana mghadux jippossessa fir-ruh tieghi. Ma mhux int ridt tkun biex tfejjaqni! Anzi kull meta inti kont tersaq lejja, fik kont nara demonju iehor! Il visita tieghek kienet aqtar tghamilli deni milli kienet tghamilli gid. Dak it-twajjeb ta'ziju raddli il paci fil qalb tighi!

Polante (Wahdu) Rabja! Is-sahta tagha fuq l'insara kolla. Dak il furban ta nisrani avvelini! Nehhieli l'unuri! Ma jiena dalwaqt natieh lil Cesare, huwa jifflagellah!....

Afranio Inti cert Polante mil fejqan ta ibni?

Polante Iva, ibnek huwa imfejjaq. (B'Malizija lil Fabio). Tippermettili li noffrilek bewsa min dawn ixxuftejn innocenti tieghi?

Afranio (Wahdu) Xuftejn innocenti! Piuttost velenusi!

Polante Tippermettili. (Imur biex jghanqu).

Fabio (Jissocta). Le! Ma irridc bews min tighek. Inti bniedem infelici! Itlaqni ghax marridc noqghod fejn narak! Irrid nahrab minnek. (Jiskappa min bejn idejh u jitlaq gewwa jigri).

Polante Disperazioni! Min dari kien jaddrani, issa kieghed jarani ikrah u jibza minni. (Imur ihares mil gallarija).

Afranio — Dan il bniedem sejjer jiddisturbani bil bosta! X'naghmel issa jekk jigi hija Rufo bl'Insara mighaw u ikun ghadu hawn dan? (Hosbieh)

Polante — (Imur fuq Afranio) Habib Afranio kieghed nara li il migja tieghi iddisturbatek?!...

Afranio — Le xejn affattu, izda....

Polante — Mela ghaliex dina il melankonija? Hallini inkantalek Romanza.

Afranio — O Polante, nirringrazzjak min dan il kumpliment tieghek u nixtieq li bhas-soltu inkompli mieghek, ma min ftit zmien l'hawn l'istorbiju sar itini fastidju; nixtieq li noqghod ftit wahdi.

Polante — Biex nghidlek, rajt li ma ilqajtniex bhas-soltu. Rajt li hemm xi hagija straordinarija fin-nofs. Dahlitlek f'raseq xi fantasija, gharaftek mill'ewwel b'daqqa ta ghajn li tghajtek.

Afranio — Inhossni mimli bil hsiebijiet li bihom ma nistax noqghod fit-trankuillita'.

Polante — Ma allura hallejtni nitghabba b'dan l'istrument biex anqas thallini insemmek biccia musika? Isma xi gmiel ta rumanza sejjer indoqqlok. (Ighamel finta li kieghed idoqq. Iddaqq ikun jirispondi min gewwa bil kitarra u il mandolina. Meta ikun spicca jghid). Isma xi gmiel? Jogbok dan id-daqq? (Afranio ruhu imdejka). Halli indoqqlok bicca ohra. (Jghamel finta li ikun sejjer jerga idoqq).

Afranio — (Afranio jimpedieh b'idu). Nirringrazzjak, ikun mument iehor, [illegible] ghidtlek li nixtieq noqghod ftit fil kwiet!

Polante — Afranio [illegible] mhux solitu tahbi mighi. Ghidli x'inti tahseb? Sur kieghed tahbili xi misteriju. Ma dan bejn il hbieb m'ghandux ikun, u specialment meta il hbieb huma sinceri bhalna. Inti taf [illegible] jiena lilek inhobbok bis-sincerita' kolla ta qalbi.

Afranio — Ah! X'inti tghid Polante? (Wahdu) Eppeure dik il kitba fuq dak il maqtur. (lil Polante) Le Polante, jiena ma nahbiex mighek. Dal waqt nghidtlek kollox....

Polante — (Wahdu) L'Affarijiet sejrin jibdew jiccaraw. (Lil Afranio) Mela ghidli almenu jekk kieghed issofri xi dispiacir, inkun nista nghamel xi haga ghalik, jekk hemm bzonn niddefendik hawn jiena pront, biex inlesti sidri ghal armi jekk hemm bzon immut, immut ukoll ghall'imhabba tighek.

Afranio — Tmut?! Ah le! Hallieha ghalija il mewt, lili ghajtet il vuci tas-sema sabiex niehu il martiriju!

Polante — (Wahdu) Jehu il martiriju? (Lil Afranio). Inti tiehu il martiriju? Wiehed mill'aqwa Generali ta Ruma?! Il bieraħ stess l'Imperatur zejnek jmlek bbinek bil kuruna tar-rand ghal valur talqawwa tighek. Cesare il martirju jatih biss lil dawk li jappartienu lil mishuta setta ta l'Insara. Inti ma dawn ma ghandekx x'taqsam....

Afranio — Ghandi x'naqsam wisq ukoll.

Polante — Kif! dan min meta?

Afranio — Mil-lum il quddiem jiena nodd ruhi bhala wiehed mill'Insara.

Polante — (Wahdu) Kollox miexi skond ma tixtieq qalbi.

Afranio — Mishutin ikunu kolla l'idoli! Glorija lil veru Alla ta l'Insara.

Polante — Afranio! Inti kieghed tidghaj!

Afranio — Le, mhux min jishet l'allat ta Cesare ikun kieghed jidghaj, ma min jishet lin- Nazzarenu. Iva, dak huwa il Veru Alla, lil dak irrid nadura.

Polante — (Wahdu). Inti tinsab ittradut. (Lil Afranio). Afranio, jiena lilek nirrispettak u ma nixtieqx narak miksur ma l'Imperatur, ara x'sejjer tghamel b'idejk.

Afranio — Ma ghidli Polante: huwa veru li inti thobbni?

Polante — Bis-sincerita' ta qalibi kolla!

Afranio — Mela imissek tesegwixx l'esempju tighi u tghamel kif sejjer nghidlek.

Polante — (Wahdu) Sejjer tghasaq fl'ilma. (Lil Afranio). Xi tridni nghamel? Jaqaw trid tiksirni ma Cesare u biex tarani imhaggar?

Afranio: Ah! Inti tibza mill mewt? Mela ghalfejn ftit ilu ghidli taqdam it-tbatija mighi u tiffronta sidrek ghall'armi u jekk ikun hemm bzonn tmut ukoll ghall'imhabba tighi?

Polante: Veru!. (B'malizia). Tajjeb, trid li nimxi fuq il passi tighek?

Afranio: Jekk tassew thobbni, obdini. Ma nghidlek pero', idfen gio qalbek sa l'anqas kelma.

Polante: Ghodt, fuq il hbiberija taghna.

Afranio: (Jigbdu l'isfel). Mela, nghidlek kollox:- Min hawn u ftit iehor ghandu jigi iskof b'hafna insara mighaw. Inti mur hdejn dan L'Iskof dixxipolu ta Cristu, inxtehed gharkuptejk quddiemu u itolbu il mghamudija ta l'Insara.

Polante: U.inti ga imghammed? (Bil malizia).

Afranio: Le', ma kieghed biex....

Polante: (Wahdu) Min hawn u ftit iehor ghandu jigi l'Iskof bl'Insara mighu gewwa dan il palazz. (Lil Afranio). Afranio fi x'hin ghandu jigi dan l'Iskof, ghax irrid nitghammed jien ukoll.

Afranio: Nispera li ikun hawn mill'aqtar fis, tara kemm thossok felici.

Poalante: Tajjeb, mela ippermettili inhallik ghal ftit u dalwaqt inkun mighek jien ukoll biex nircievi il mghamudija. (Hrara ta traditur). Il mghamudija ta l'Insara, O liema ferh!

Afranio: Mur u hekk kif jigi l'Iskof ngharfu bik. Huwa ikun kuntent.

Polante: Salve illustre General.

Afranio: Salve, O habib Polante. (Jehdu b'id xulxien).

Polante: (Huwa u sejjer). Sejjer ingib mighi is-suldati biex jghatu in-nar lil dan il palazz u jitfaw lil kullhadd il habs. (Jitlaq).

Afranio: Kieghed nara li dik il fantasma li rajt tikteb fuq il maqtur ma kienx hlief effett tad-deni li kelli fuqi. Dak kitbu xi hadd li jghobod lil Polante. Ma narax dak il mument li jigi hija Rufo.

## SCENA VI

Vito u Afranio.

Vito: (Jidhol). Sire, (Jghamel inkin). Gi dak it-tabib li fejjaq lil Fabio.

Afranio: Min, hija Rufo?

Vito: Jen nafu l'Iskof Ermete.

Afranio: Iva l'Iskof Ermete huwa hija.

Vito: L'Iskof Ermete huwa is-sid tighi. Min qatt kien jobsor?

Afranio: Gie wahdu? Eppure?.....

Vito: Le, ghandu mighaw hafna zghazah.

Afranio: Hija Rufo ma l'Insara, Mur malajr dahhalhom hawn gew.

Vito: Tajjeb, ma qabel xejn, Sire, jekk tippermettili, xtaqt nghidlek kelma.

Afranio: Ghidli Vito?

Vito: Jiena smajt li inti u uliedek sejrin issiru Insara.

Afranio: Min qallek dan?

Vito: Smajtek tithaddet il bierah ma l'Iskof Ermete.

Afranio: Mhux sewwa tissamma il kliem tas-superjuri tighek; ma ghidli, int min hawn gew kif tafu lil Isqof Ermete?

Vito: Ghax biex tridni nghidlek jiena Nisrani, ghammidni huwa stess.

Afranio: U anqas turini?

Vito: O sidi, ahna l'Insara inzommu ruhna dejjem mohbija sabiex l'ghedewwa taghna ihalluna nghajxu fil paci. Issa b'dana kollu ridt nghidlek li thallini nosserva il-ligi tighi minghajr ma ikolli biza minnek.

Afranio: Jiena? Kien xi darba li hqart lill'Insara, imma dak iz-zmien issa spicca. Mur ghamel iddoveri tighek bla biza.

Vito: (Joqghod gharkuptejh). Grazzi altissimu General.

Afranio: Qum min hwmm Vito, kien bizzejjed tghidli "Jiena Nisrani", biex inhaddnek ma sidri. (Jitghanqu). Inti cert issa li jiena tghajtek il-liberta' kolla?

Vito — O gbir General, jien dejjem kont nahseb li inti bniedem krudil, ma illum rajt li fis-sider tieghek tghammar qalb t'Anglu!
Afranio — Mur issa halli t'akkompanija lill'isqof hija Rufo.
